Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1735

22.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1735

tal-15 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1569 fir-rigward tal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 45d(5), 45e(2), 45f(6) u 45f(7) tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiżguraw l-ogħla livell ta' armonizzazzjoni fost l-Istati Membri għall-iżvilupp tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kartieri jistrieħu fuq il-ħidma mwettqa abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/946 ([2]) u b'mod partikolari l-arkitettura u l-qafas ta' referenza. Peress li l-arkitettura u l-qafas ta' referenza evolvew ġmielhom minn mindu ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1569 ([3]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1569 jenħtieġ li issa jiġi emendat kif xieraq biex ikun allinjat mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda.

(2) F'konformità mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, intgħażlu għadd ta' standards biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli għall-ħruġ, għall-ġestjoni u għall-verifika tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi. Dawn l-istandards jenħtieġ li jkunu jirriflettu prattiki stabbiliti u jiġu rikonoxxuti b'mod wiesa' fis-setturi rilevanti. Meta meħtieġ, dawn l-istandards jenħtieġ li jiġu adattati jew ikkomplementati biex ikun żgurat livell għoli ta' sigurtà u integrità tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi, filwaqt li jiġu ffaċilitati l-interoperabbiltà transfruntiera u l-funzjonament effettiv tas-suq intern. F'konformità ma' dan l-objettiv, dan ir-Regolament jaġġorna r-rekwiżiti applikabbli għall-ħruġ u r-revoka tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi u tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku, u jintroduċi r-rekwiżiti għall-iffirmar u s-siġillar tar-riżultati tal-verifika fir-rigward ta' sorsi awtentiċi.

(3) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u, meta rilevanti, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) japplikaw għall-attivitajiet kollha tal-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p.73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

([2]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/946 tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar Sett ta' Għodod komuni tal-Unjoni għal approċċ ikkoordinat lejn Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali (ĠU L 210, 14.6.2021, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/946/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1569 tad-29 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi u attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi pprovduti minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku (ĠU L, 2025/1569, 30.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1569/oj).

([4]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([5]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

(4) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' April 2026 ([7]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1569

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1569 huwa emendat kif ġej:

(1) Artikolu 3, paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta l-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi u l-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku joħorġu attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi li jkunu inklużi fi skemi rreġistrati fil-katalgu tal-iskemi għall-attestazzjoni tal-attributi, dawn għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-iskema korrispondenti għall-attestazzjoni tal-attributi. Il-politiki u l-proċeduri stabbiliti mill-emittenti tal-attestazzjonijiet biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-iskemi għall-attestazzjoni tal-attributi għandhom ikunu parti mill-valutazzjoni tal-konformità stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 910/2014.".

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull meta dawk l-attestazzjonijiet jinħarġu b'perjodu tal-validità ta' aktar minn 24 siegħa, il-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi u l-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandhom jirrevokawhom imqar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta ssir talba mill-persuna li lilha tkun inħarġet l-attestazzjoni elettronika tal-attributi jew, meta applikabbli, mis-suġġett tal-attestazzjoni;

(b) meta l-fornitur isir jaf li kien hemm kompromess tas-sigurtà jew tal-affidabbiltà tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi jew tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku;

(c) f'sitwazzjonijiet oħra, kif teżiġi l-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.".

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi u l-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandhom jistabbilixxu tekniki ta' revoka u metodi tal-ġestjoni li jħarsu l-privatezza u jipprevjenu l-korrelazzjoni jew it-traċċabbiltà. It-tekniki ta' revoka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.".

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([7]) Kummenti formali tal-EDPS dwar l-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-istandards applikabbli u l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-partijiet dipendenti fuq kartiera | il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

(3) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2a li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 2:

"2a. Il-mekkaniżmu ta' verifika għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV.".

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Ir-riżultat tal-verifika għandu jiddikjara eskluživament jekk l-attribut ikunx ġie verifikat jew le, u jispeċifika l-korp tas-settur pubbliku responsabbli għas-sors awtentiku jew, meta applikabbli, il-korp tas-settur pubbliku dežinjat biex jaġixxi f'isem is-sors awtentiku li abbaži tiegħu jkun ġie vverifikat l-attribut.

Ir-riżultat tal-verifika għandu jiġi ffirmat jew issiġillat mill-korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku, jew mill-intermedjarju dežinjat rikonoxxut fil-livell nazzjonali, permezz ta' mqar firma elettronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat għall-firem elettroniċi jew siġill elettroniku avvanzat ibbażat fuq ċertifikat kwalifikat għas-siġilli elettroniċi, rispettivament.".

(4) L-Anness I huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness II huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(6) It-test stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala Anness IV.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(3) għandu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS I

Lista tal-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3

ETSI TS 119 471 V1.1.1 (2025-05) għandu japplika bl-adattamenti li ġejjin:

(1) 2.1 Referenzi normattivi:

[1] ETSI EN 319 401 V3.2.1 (2026-01): "Firem u Infrastrutturi Fiduċjarji Elettroniċi (ESI); Rekwiżiti ta' Politika Ġenerali għall-Forniturі tas-Servizzi Fiduċjarji";

[2] Il-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà, Sottogrupp dwar il-Kriptografija: "Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma" ippubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA").

[3] FIPS PUB 140-3 (2019) "Rekwiżiti tas-Sigurtà għall-Moduli Kriptografiċi";

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 ([1]);

[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3144 ([2]);

[6] ISO/IEC 15408:2022 (il-partijiet 1 sa 5): "Is-sigurtà tal-informazzjoni, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tal-privatezza – Kriterji tal-evalwazzjoni għas-sigurtà tal-IT".

(2) 3.1 Termini:
Jiżdied it-terminu li ġej:

— apparat kriptografiku sigur: apparat li jżomm il-kjavi privata tal-utent, jipproteġi din il-kjavi mill-kompromess, u jwettaq funzjonijiet tal-iffirmar jew tad-dekriptaġġ f'isem l-utent

(3) 4. Servizzi fiduċjarji tal-EAA

— Il-klawżola 4.2.2.2 "Verifika tal-attributi ma' sorsi awtentiċi" ma għandhiex tapplika.

— REQ-EAASP-4.2.2.3-02: L-EAASP għandu jawtentika lill-istanza tal-EUDIW li timplimenta mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni reċiproka li jużaw ċertifikat ta' aċċess validu.

— REQ-EAASP-4.2.2.3-03: L-EAASP għandu jivvalida l-unità tal-EUDIW, u jekk l-istanza tal-EUDIW hix revokata.

— Il-klawżola 4.3.2 "Speċiku għall-EUDIW" ma għandhiex tapplika.

(4) 6.1 Dikjarazzjoni tal-prattika tal-EAAS:

— REQ-EAASP-6.1-02: EAASP għandha tiddokumenta l-mekkaniżmu ta' revoka fid-dikjarazzjoni tal-prattika tal-EAAS

(5) 6.3 Politika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni:

— REQ-EAASP-6.3-02: L-EAASP għandha tistabbilixxi proċeduri biex tinnotifika lill-korp superviżorju dwar kull bidla fil-forniment tas-servizz fiduċjarju tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi u dwar l-intenzjoni li twaqqaf dawk l-attivitajiet, f'konformità mar-rekwiżiti tan-negozju u l-liġijiet u r-regolamenti rilevanti, inkluż f'konformità mar-rekwiżiti tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. L-EAASP għandha tinnotifika lill-korp superviżorju mqar:

— xahar qabel l-implimentazzjoni ta' xi bidla;

— tliet xhur qabel il-waqfien ippjanat tal-forniment ta' servizz fiduċjarju.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 tal-31 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq il-Kriterji Komuni (EUCC) (ĠU L, 2024/482, 7.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/482/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3144 tat-18 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/482 fir-rigward tal-istandards internazzjonali applikabbli u li jikkoreġi dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ĠU L, 2024/3144, 19.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3144/oj).

(6) 7.5 Kontrolli kriptografiċi:

— REQ-EAASP-7.5.2-05: null.

— REQ-EAASP-7.5.2-06: null.

— REQ-EAASP-7.5.3-01A: Fis-seħħ għandu jkun hemm kontrolli tas-sigurtà xierqa għall-ġestjoni ta' kull kjavi kriptografika, algoritmu kriptografiku, u apparat kriptografiku tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom skont, meta xieraq, approċċ ta' aġilità kriptografika.

— REQ-EAASP-7.5.3-01B: Għall-fini tal-forniment tas-servizzi fiduċjarji tagħha, l-EAASP għandha tagħżel u tuża tekniki kriptografiċi xierqa konformi mal-Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [2].

— REQ-EAASP-7.5.3-02: L-EAASP għandu jiżgura li l-apparat kriptografiku sigur li juża għall-firma diġitali tal-EAA jkun apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firma jew siġill u li l-firem diġitali l-oħra kollha użati biex jipprovdu s-servizz fiduċjarju korrispondenti ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi, jew parti minnu, jinħolqu b'apparat kriptografiku sigur li jkun sistema affidabbli ċċertifikata f'konformità ma':

  (a) Il-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, kif stabbiliti fil-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, il-verżjoni 3.1 (CC3.1) sal-31.8.2027, jew fil-verżjoni CC:2022, il-Partijiet 1 sa 5, ippubblikati mill-parteċipanti tal-Arranġament dwar ir-Rikonoxximent taċ-Ċertifikati tal-Kriterji Komuni fil-qasam tas-Sigurtà tal-IT, jew kif stabbiliti f'ISO/IEC 15408 [6], u ċċertifikati għal EAL 4 jew ogħla, jew

  (b) l-Iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq Kriterji Komuni (EUCC) [4][5], u ċċertifikata għal EAL 4 jew ogħla; jew

  (c) FIPS-140-2, il-livell 3, li jrid jintuża sal-31.8.2027 għas-sistemi ċċertifikati eżistenti jew FIPS PUB 140-3 [3], il-livell 3, sal-31.12.2030.

  Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun għal mira tas-sigurtà jew profil tal-protezzjoni, jew għal dokumentazzjoni tad-disinn u tas-sigurtà ta' modulu, li tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan id-dokument, abbażi ta' analiżi tar-riskji u b'kunsiderazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà fiżiċi u oħrajn mhux tekniċi.

  Jekk l-apparat kriptografiku sigur jibbenefika minn ċertifikazzjoni tal-EUCC [4][5], dan l-apparat għandu jiġi konfigurat u użat f'konformità ma' dik iċ-ċertifikazzjoni.

— REQ-EAASP-7.5.5-01: null.

— REQ-EAASP-7.5.5-02: null.

— REQ-EAASP-7.5.5-04: null.

(7) 7.9 Ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet u tal-inċidenti:

— REQ-EAASP-7.9-02: L-attivitajiet tal-monitoraġġ għandhom iqisu s-sensittività ta' kull informazzjoni miġbura jew analizzata.

(8) 7.12 Terminazzjoni u pjanijiet tat-terminazzjoni tal-EAASP u l-EAAS:

— REQ-EAASP-7.12-04: Il-pjan tat-terminazzjoni tat-EAASP għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].".

ANNESS II

"ANNESS II

Speċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 4

Il-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi u l-fornituri ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandhom joħorġu l-attestazzjonijiet tagħhom f'konformità ma' mqar wieħed mill-istandards elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2979 ([1]) u japplikaw it-tekniki ta' revoka rilevanti, stabbiliti wkoll fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2979.".

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2979 tat-28 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-integrità u l-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/2979, 4.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2979/oj).

ANNESS III

"*ANNESS IV*

Lista tal-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 9

Il-mekkaniżmi ta' verifika msemmija fl-Artikolu 9 għandhom jikkonformaw ma' wieħed jew mat-tnejn li ġejjin bl-adattamenti li ġejjin:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-klawżola 6.1.1 tal-ETSI TS 119 478 V1.1.1 (2026-01) - Firem u Infrastrutturi Fiduċjarji Elettroniċi (ESI); Speċifikazzjoni tal-interfaċċi relatati ma' Sorsi Awtentiċi;

— REQ-ASIP-6.1.1.2-04-01 [CONDITIONAL]: Jekk attributeVerificationResult ikun http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/Match jew http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/MatchWithVariation, attributeVerificationResult jista' jkun fih element ta' attributeValue.

— REQ-ASIP-6.1.1.2-04-02 [CONDITIONAL]: Jekk attributeVerificationResult ritornat ikun http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/Match, u attributeVerificationResult ikun fih element attributeValue, allura l-element attributeValue għandu jkun fih il-valur bħal fit-talba.

— REQ-ASIP-6.1.1.2-04-03 [CONDITIONAL]: Jekk attributeVerificationResult ritornat ikun http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/MatchWithVariation, u attributeVerificationResult ikun fih element attributeValue, allura l-element attributeValue għandu jkun fih il-valur tal-attribut kif maħżun fis-sors awtentiku.

— REQ-ASIP-6.1.1.2-06-04-01 [CONDITIONAL]: Jekk fragmentVerificationResult ikun http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/Match jew http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/MatchWithVariation, attributeVerificationResult jista' jkun fih element ta' fragmentValue.

— REQ-ASIP-6.1.1.2-06-04-02 [CONDITIONAL]: Jekk fragmentVerificationResult ritornat ikun http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/Match, u attributeVerificationResult ikun fih element fragmentValue, allura l-element fragmentValue għandu jkun fih il-valur bħal fit-talba.

— REQ-ASIP-6.1.1.2-06-04-03 [CONDITIONAL]: Jekk fragmentVerificationResult ritornat ikun http://uri.etsi.org/19478/VerificationResult/MatchWithVariation, u attributeVerificationResult ikun fih element fragmentValue, allura l-element fragmentValue għandu jkun fih il-valur tal-framment tal-attribut kif maħżun fis-sors awtentiku.

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-klawżola 6.2.3 tal-ETSI TS 119 478 V1.1.1 (2026-01) - Firem u Infrastrutturi Fiduċjarji Elettroniċi (ESI); Speċifikazzjoni tal-interfaċċi relatati ma' Sorsi Awtentiċi.

— REQ-ASIP-6.2.3.2.1-08-04: L-element ta' AttributeVerificationResponse jista' jkun fih eżattament element wild wieħed magħżul tal-għażla TextValue, XMLValue jew AttributeProperties.".